**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 3 - IT-TNEJN 30 TA' AWWISSU 2010**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil- 5:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi-*Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Evelyn Muscat | Membru |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Kif bdiet il-laqgħa ċ-*Chairperson* infurmat li Evelyn Muscat ma setgħetx tattendi minħabba li kienet imsiefra u għalhekk kienet meqjusa skużata.

1.2. Il-Kumitat qabel li ssir emenda f'para. 10.1 biex jiddaħħal l-isem ta' Joseph Woods minħabba li bi żvista tħalla barra.

1.3. Il-minuti imbagħad kienu approvati kif emendati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Iċ-*Chairperson* Cuomo rrappurtat li l-bozoz fi Triq A. M. Caruana għadhom bil-ħsara. Hija ġibdet l-attenzjoni wkoll għax-xogħol meħtieġ mill-Inġinier tal-Kunsill biex tkun installata bozza ġdida fl-imsemmija triq. Is-SE informa li kien diġà tkellem mal-Inġinier u qiegħed jistenna risposta mingħandu.

2.2. Is-Sinj. Cuomo fakkret ukoll fiċ-ċaqliq tal-*bring in site* minn Triq A. M. Caruana għal Triq Qalet Marku. F'dan ir-rigward is-SE bagħat *email* dak il-ħin stess lil Green MT peress li kienu ilhom ħafna li suppost ċaqilquhom. Sadanittant is-Sinj. Cuomo infurmat li l-*logos* minn fuq il-*bins* kienu nbidlu għal oħrajn kif suppost.

2.3. Is-Sinj. Cuomo talbet ukoll biex isiru r-rapporti neċessarji ħalli l-*billboard* fid-daħla ta' BIC jitneħħa jew ikun spustjat biex ma jgħattix it-tabelli filwaqt li lanqas ma jkerrah iż-żona.

2.4. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-applikazzjoni tal-pjazza ta' BIC għaddiet mill-istadji kollha u tinsab tistenna l-laqgħa tal-Bord tal-MEPA biex tkun approvata.

### 3. RAPPORTI TAL- ĦIDMA

3.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħat li saru ma' rappreżentanti tar-rikkieba taż-żwiemel, ma' rappreżentanti tal-i*scouts* ta' B'Kara u mal-Ispettur tal-Pulizija. Dawn il-minuti ġew approvati.

### 4. XOGĦLIJIET MEĦTIEĠA F'BIĊ

4.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li s-SE kien għamel żjara f'BIĊ fis-17 ta' Awwissu biex jara s-sitwazzjoni u x'jista' jsir biex jingħelbu l-isfidi. Hija rringrazzjat lis-SE tal-ħin tiegħu biex seta' jagħmel dan.

4.2. Minn din iż-żjara ħareġ li jistgħu jsiru xogħlijiet relattivament żgħar li jistgħu jtejbu s-sitwazzjoni. F'dan ir-rigward għalhekk il-Kumitat qabel li għandu jagħmel xogħlijiet ta' bankini fejn diġà hemm linja bil-kantun speċi ta' kurduna u għalhekk li għandu jsir huwa biss li jitnaddaf u jinxteħet il-konkos.

4.3. Is-Sur Bonello semma l-ħsara li saret fil-bankina fi Triq l-Imsaqqfin. Is-SE informa li jekk il-ħsara saret mill-iżviluppatur allura għandu l-obbligu li jirranġaha hu.

4.4. Meta kien mistoqsi s-SE informa li fil-preżent il-Kunsill m'għandux kuntratt tal-*patching* u l-uniku *patching* li jsir huwa meta jkun hemm ħofra u timtela mill-ħaddiema tal-Kunsill. Dan però huwa xogħol imsejjaħ ta' emerġenza u ma jinkludix ċertu ħsarat bħal meta t-triq tkun niżlet xi ftit imma ma jkollhiex il-wiċċ imkisser. Dan huwa xogħol li għandu jitħalla f'idejn kuntratturi speċjalizzati.

### 5. IL-PJAN U L-BAĠIT GĦAL BIĊ

5.1. Is-Sur Woods semma l-bżonn li tiddaħħal kultura ta' rispett u impenn lejn il-lokal u b'hekk titkattar l-identità li tant hija meħtieġa. Huwa għalhekk ħareġ bl-idea li jkun ifformulat *charter* tar-residenti fejn kull resident jintalab jikkommetti ruħu favur il-lokalità. Huwa wiegħed li lest li jagħmel abbozz ta' dan iċ-*charter.* Il-Kumitat qabel.

5.2. Is-Sur Woods kompla illi biex wieħed jagħmel pjan idealment irid ikollu tagħrif dwar ir-residenti u d-demografija tal-post li sfortunatament hija ineżistenti. Għalhekk il-Kumitat qabel li għandu jsir tentattiv biex possibilment fi żmien xahrejn isir studju simili.

5.3. Kien hemm qbil ukoll li l-Kumitat għandu jaħdem biex f'kull inizjattiva jinvolvi kemm jista' jkun lir-residenti u b'hekk ikattar is-sens ta' komunità.

### 6. APPLIKAZZJONI GĦALL-FINANZJAMENT GĦALL-PROĠETTI SPEĊJALI GĦALL-KUMITATI AMMIN.

6.1. Kienet ippreżentata l-applikazzjoni kif sottomessa. Din kienet iċċirkolata qabel il-laqgħa.

6.2. Il-Kumitat approva din l-applikazzjoni.

### 7. IL-PROĠETT ARTWASTE

7.1. Is-Sur Woods informa li l-ewwel sessjoni tal-proġett ***Artwaste*** se tibda nhar l-Erbgħa l-1 ta' Settembru. Meta s-SE kien mistoqsi fuq possibilità ta' fotografu

huwa appella biex possibilment jittieħdu xi ritratti b'kamera diġitali komuni u li għandhom ikunu tajbin għal skop ta' pubblikazzjoni.

## 8. BŻONN TA' SORVELJANZA MILL-*GREEN WARDENS*

8.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-problemi li qed ikun hemm madwar l-iskips u talbet lill-Kumitat jikkunsidra li jixtri s-servizzi ta' *green wardens*. Is-SE informa li fil-preżent il-Kunsill qiegħed jiddiskuti dan is-servizz iżda huwa infurmat li biex wieħed joffri servizz effettiv irid jonfoq eluf ta' Ewro.

8.2. Huwa kompla jinforma li l-Kunsill qabel li jinstalla tabelli dwar l-użu tajjeb tal-*bring in sites* u li wara se jagħmel prova bil-*green wardens*. Huwa rrakkomanda biex il-Kumitat jistenna r-riżultat tal-Kunsill qabel jieħu xi deċiżjonijiet fir-rigward. Il-Kumitat laqa' r-rakkomandazzjoni.

8.3. Is-Sinj. Cuomo appellat biex it-tabelli jsiru wkoll bl-Ingliż.

## 9. *BUS SHELTER* FI TRIQ SAN ĠWANN L-EVANĠELISTA

9.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet li l-*bus shelter* fi Triq San Ġwann l-Evanġelista jinsab fi stat ta' ħsara kbira u għalhekk ikun xieraq li jinbidel.

9.2. Minħabba li dan jinsab ma' triq arterjali l-Kumitat qabel li ssir talba lil *Transport Malta* biex jinbidel għal wieħed diċenti.

## 10. L-IRRANĠAR TAŻ-ŻONA FEJN IL-GABBANA

10.1. Issemmew diversi problemi li hemm fiż-żona fejn il-gabbana. Fost dawn issemmew ħaddiema li jnaddfu ż-żona tal-bajjiet u li mhux qed jiġbru u jbattlu l-iskart isseparat skont il-kontenituri iżda qed iħalltu kollox. Dan apparti li qed iħallu wkoll skart li ma jinġabarx. Issemmiet ukoll l-organizzazzjoni tat-tombla fejn il-Kumitat qabel li għandha tinstab żona aħjar filwaqt li għandhom ikunu mitluba biex inaddfu warajhom.

10.2. Kien suġġerit li bħala proġett għall-futur għandu jkun maħsub organizzar ta' parkeġġ għat-*trailers* tad-dgħajjes.

## 11. ĦWEJJEĠ OĦRA

11.1. Is-Sur Woods irrakkomanda li eventwalment il-Kumitat għandu jaħseb biex iħejji Pjan għall-Iżvilupp Urban għal BIĊ. Huwa rrakkomanda wkoll li l-Kumitat għandu jfittex kif jakkwista fondi mill-UE speċjalment fejn jidħol is-suġġett tal-kreattività.

11.2. Dwar il-laqgħa ppjanata mal-Onor. Dott. Chris Said kien hemm qbil li kulħadd għandu jibgħat l-ideat u l-ħsibijiet għad-diskussjoni lis-SE biex huwa jħejji rapport wieħed.

11.3. Is-Sinj. Vella esprimiet ix-xewqa li l-kuntratturi jinfurmaw xi jkunu għamlu ħalli tkun tista' ssir sorveljanza.

11.4. Kien rappurtat li ż-żona tal-parkeġġ kien hemm ħafna ħaxix ħażin.

11.5. Kien hemm qbil li tintbagħat komunikazzjoni lil *Transport Malta* biex tirrapporta li numru ta’ sidien tal-linja qed inaddfu x-xarabanks tagħhom fid-daħla ta’ BIĊ (fejn tistenna n-numru 68) u jarmu l-ħmieġ barra. Dan l-aktar li jiġri huwa s-Sibtijiet.

11.6. Is-SE intalab jirraporta lill-MEPA dwar xi *boathouses* li ddeċidew jagħmlu katina u għalhekk ħadd ma jista’ jipparkja. Kien irrappurtat ukoll ammont ta’ ilma li qed jinżel faċċata ta’ dawn il-*boathouses*.

11.7. Is-Sur Woods informa li qed jippjana biex iħejji l-ewwel fuljett sal-aħħar ta’ Settembru.

11.8. Is-Sinj. Vella fakkret dwar l-ilma li qed joħroġ min-naħa ta’ wara tal-i*Splash & Fun*.

## 12. TMIEM IL-LAQGĦA

12.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 27 ta’ Settembru fil-5:30pm. Wara din ikun hemm il-laqgħa mar-residenti nhar il-Ħamis 30 ta’ Settembru fis-7pm taħt il-Knisja.

12.2. Il-laqgħa intemmet fis-7pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |